MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 943/2001/1

**Avviz numru 943/01DM**

**Paul Xuereb**

**Vs**

**Calbros Limited U Charles Gauci**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab l-kundanna tal-konvenuti sabiex jhallsu s-somma ta' erbat elef mitejn u sitta u hamsin liri Maltija (Lm4, 256) rappresentanti l-bilanc dovut lill-istess attur tal-valur ta' xoghol ta' tqedghid ta' madum, kompriz il-valur ta' materjal, li ntuza, liema xoghol gie ezegwit b'inkarigu taghhom.
Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra legali u tal-mandat ta' sekwestru li qed jintalab il-hrug tieghu kontestwalment mal-avviz u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l- konvenuti li gew ingunti in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccipew illi:

1 It-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjes kollha kontra l-attur, u dan gha-segwenti ragunijiet;
2 Preliminarjament illi in kwantu l-konvenut Charles Gauci, dan ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizju stante illi qatt ma kien hemm ebda relazzjoni giuridika bejnu u bejn l-attur, u kienet dejjem is-socjeta konvenuta Calbros Limited, li taghha Charles Gauci huwa biss l-azzjonista ewlieni, li nkarigat lill-attur jaghmel xi xoghol ta' tqieghed tal-madum kollox kif ser jigi spjegat ahjar fil-kors u trattazzjoni ta' din il-kawza;
3 Fit-tieni lok, illi l-ammont mitlub mill-attur mhux dovut peress illi dan huwa wiehed ferm esagerat, tant illi l-uniku ammont pendenti bejn l-attur u s-socjeta konvenuta Calbros Limited huwa dak ta' tlett mija u hmistax il-Liri Maltin(Lm315) ta' xoghol li l-attur ghamel gewwa fond fis-Swieqi, liema xoghol pero sar hazin u mhux skond is-sengha u l-arti u ghalhekk qieghed ukoll jigi kkontestat;
4 Peress illi l-istess xogholijiet msemmija saru hazin u mhux skond is-sengha u l-arti is-socjeta konvenuta soffriet danni minhabba spejjes u xoghol zejjed illi kellha tinkorri biex ikunu sodisfatti il-pretensjonijiet tat-terzi, u ghal dan kellha tbati in linea ta' danni s-somma ta' sitt mija u wiehed u tmenin liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm681.20)jew somma ohra verjuri, kif spjegat f'Dok A u kif jigi ahjar spjegat fil-kors ta' din il-kawza anke in vista tal-kontro-talba illi l-istess socjeta konvenuta qeghda tipproponi ai termini ta' l-Artikolu 396 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif hawn taht indikat

5 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

6 Bl-ispejjes kollha kontra l-attur li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-kontro talba tas-socjeta konvenuta Calbros Limited fejn wara li ppermettiet illi:

1 L-attur Paul Xuereb kien jigi inkarigat (bhala sub-contractor) mis-socjeta Calbros Limited jaghmel xoghol ta' tqieghed tal-madum;
2 F'okkazzjoni minnhom huwa kien inkarigat jaghmel xoghlijiet f'fond is-Swieqi, liema xogholijiet kienu saru hazin u mhux skond is-sengha u l-arti, tant illi saru complaints lis-socjeta esponenti min sid l-istess fond u wara li saru l-verifiki irrizulta ampjament illi x-xoghlijiet kienu saru hazin;
3 B'konsegwenza ta' dan kellu jerga jinqala' il-madum kollu u jitqieghed iehor minn floku, bl-ispejjes ulterjuri ghall-istess socjeta esponenta fl-ammont ta' sitt mija u wiehed u tmenin Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm681.20) jew somma ohra verju li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti;
4 L-ispejjez huma danni sofferti mill-istess sovjeta esponenta li ghalihom huwa responsabbli unikament l-attur Paul Xuereb ghar-ragunijiet hawn fuq premessi.

Talbet li din il-Qorti:

1 Tiddikjara illi x-xoghol ta' tqieghed tal-madum maghmul mill-attur Paul Xuereb fuq inkarigu tas-socjeta Calbros Limited f'fond is-Swieqi ser hazin u mhux skond is-sengha u l-arti;
2 Tiddikjara illi dan wassal sabiex is-socjeta Calbros Limited issofri danni fl-ammont ta' sitt mija u wiehed u tmenin Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm681.20) kif hawn fuq spjegat, jew somma ohra li tigi hekk likwidata minn din l-istess Onorabbli Qorti;
3 Tiddikjara illi l-attur Paul Xuereb huwa unikament reponsabbli ghall-istess danni sofferti hawn fuq imsemmija;
4 Tordna lill-attur Paul Xuereb ihallas is-somma ta' sitt mija u wiehed u tmenin Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lnm681.20) jew dik somma ohra verjuri li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti ai termini tat-talbiet hawn fuq maghmula;
5 Bl-ispejjez kollha kontra l-attur rikonvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-hlas effettiv.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' l-attur Paul Xuereb ghall-kontro talba tas-socjeta Calbros Limited fejn eccepixxa illi:

1 Ix-xoghol ta' tqieghed ta' madum, maghmul fi proprjeta gewwa s-Swieqi li ghalih qed issir riferenza mis-socjeta Calbros Limited gie ezegwit skond is-sengha u l-arti u ghalhekk huwa l-kaz li t-talba rikonvenzjonali ta' l-istess socjeta tigi respinta;
2 Bir-riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri li jkunu ammissibbli skond il-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

It-talba tal-attur tirrigwarda tlett (3) xogholijiet separati ta' tqeghid ta' madum fuq inkarigu tal-kumpanija konvenuta 'Calbros Limited', u allura tajjeb illi kull bicca xoghol tigi kkunsidritata separatament.

Skond l-attur huwa kien ghamel l-ewwel (1) ftehim dwar xoghol ta' tqeghid tal-madum xi sentejn qabel ma beda jixhed fit-3 ta' April, 2002, u ghalhekk huwa prezunt illi l-ewwel (1) bicca xoghol inghatat mill-konvenuti lill-attur ghall-habta tas-sena 2000, u kienet bicca xoghol ghat-tqeghid tal-madum f'Busietta Gardens, il-Madliena.

Ghar-rigward ta' dan ix-xoghol jirrizultaw mil-prospett esibit mill-istess attur (dokument 'BX1' a fol. 17 tal-process) l-kejl dettaljat u r-rati applikati ghax-xoghol esegwit, u ta' dan ix-xoghol l-attur qed jippretendi hlas ta' erba' t'elef, mija, disgha u sebghin lira Maltin (Lm4,179).

Ghalkemm fid-deposizzjoni tieghu l-attur isostni illi l-valur globali tax-xoghol li ghamel kien izjed mill-ammont illi issa kien qed jippretendi, ma tirrizulta ebda raguni ghaliex l-

ammont seta’ kien ikbar peress illi l-kejl specifikat u r-rati applikati mill-istess attur iwasslu biss ghall-massimu ta’ erba’ t’elef, mija disgha u sebghin liri Maltin (Lm4,179) kif indika hu stess fil-prospett.

Ghalhekk tenut kont illi l-attur jammetti illi kif jinghata dan l-appalt ghal din il-bicca xoghol f’Busietta Gardens huwa kien thallas akkont somma ta’ sitt mitt lira Maltin (Lm600) a bazi tal-kalkolu tieghu stess, l-attur ma jistax jippretendi izjed minn somma ta’ tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500).

Minn naha tal-konvenut l-eccezzjonijiet f’dan ir-rigward huma bbazati fuq l-allegazzjoni illi l-ammont kollu dovut lill-attur gie mhallas fl-intier tieghu.

Infatti l-istess konvenut Charles Gauci, minghajr ma jilmenta fuq il-mod ta kif gie esegwit ix-xoghol mill-attur, ipprezenta (a fol. 32 tal-process) il-kalkoli tieghu illi effettivament iwasslu illi ghax-xoghol intier l-attur kien intitolat ghall-hlas ta’ somma ta’ erba’ t’elef, erba’ mija u erbgha u erbghin lira Maltin (Lm4,444) u ghalhekk iktar milli l-attur stess qed jippretendi, u li l-bilanc dovut wara li jitnaqqsu s-sitt mitt lira Maltin (Lm600) akkont kien, fil-bidu nett tax-xoghol, ta’ tlett elef, tmin mija, erbgha u erbghin lira Maltin (Lm3,844).

Dwar dan l-ammont il-konvenut isosstni illi gie imhallas kollhu permezz ta’ cekkijiet ikkonsenjati lill-konvenut bejn l-4 ta’ Dicembru, 1999, u s-26 ta’ Gunju, 2001, kif dettaljatament indikati fil-prospett dokument ‘CG4’ a fol. 31 tal-process, u liema cekkijiet gew esebiti (kopji taghhom rilaxxjati mill-bank fejn jinzamm l-original) minn fol. 47 sa fol. 52 tal-process immarkati minn dokument ‘Z1’ sa dokument ‘Z5’.

Ghalkemm dawn ic-‘cheques’ ma gewx kollha mahruga a favur Paul Xuereb personalment, almenu ghar-rigward tac-cekkijiet numri 83 tas-26 ta’ Gunju, 2001, numru 104 ta’ l-10 ta’ Ottubru, 2000, u numru 103 ta’ l-10 ta’ Ottubru, 2000, mahrugin minn Mrs R Schembri jirrizulta illi effettivament dawn kienu mhux biss mahrugin favur Paul

Xuereb izda anke msarrfin minnu u tidher fuq l-istess cekkijiet il-firma ta’ l-istess Paul Xuereb li hija identika ghall-firma fuq l-ircevuta a fol. 29 tal-process illi l-attur ma jikkontestax illi hija l-firma tieghu.

Ghaldaqstant, billi l-attur lanqas ma jikkontesta illi effettivament kien hu li sarraf l-istess cekkijiet in kwistjoni u li hemm fuqhom il-firma tieghu, ma tirrizulta ebda gustifikazzjoni ghaliex l-istess attur la fit-talba tieghu u lanqas fid-depozizzjoni tieghu m’ghamel ebda accenn ghall-pagamenti akkont illi huwa rceva ghall-ammont komplessiv ta’ elf, disa’ mija u hames liri Maltin (Lm1,905) u li b’ebda mod ma gie mnaqqas mill-ammont illi qed jitlob f’din il-kawza.

Billi dan in-nuqqas ma jistghax jigi spjegat bl-iskuza biss ta’ svista, biex ma tmurx oltre, il-Qorti qeghda biss tassumi illi dan l-izball kien dovut ghall-konfuzjoni fil-konteggi u fil-kotba illi ghandu l-attur u li ghaldaqstant qeghda taccetta bhala verosimili d-deposizzjoni ta’ Sonia Ciappara u tikkonkludi li effettivament ghax-xoghol ta’ tqeghid tal-madum f’Busietta Gardens, il-Madliena, l-attur huwa mhallas minn kollox u l-konvenuti m’ghandhom l-ebda debitu lejn l-istess attur ghar-rigward ta’ din il-bicca xoghol.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni (2) bicca xoghol li giet fdata lill-attur mill-konvenuti ossija t-tqeghid tal-madum fil-post fi ‘flat’ f’Birkirkara, jirrizulta illi l-kontestazzjoni tal-konvenut tirrigwarda fl-ewwel (1) lok ir-rata applikabbli billi jsostni li kienet miftiehema rata ta’ zewg liri Maltin u hamsin centezmu (Lm2.50) kull metru kwadru, u fit-tieni (2) lok jikkontesta illi l-ammont dovut ta’ erba’ mitt lira Maltin (Lm400) jinsab pjenament imhallas.

F’dan ir-rigward ukoll jirrizulta mill-ewwel, u dan jaccettah l-attur kif jirrizulta minn nota ta’ osservazzjonijiet tieghu illi fis-17 ta’ April, 2001, illi l-attur ircieva somma ta’ mitejn lira Maltin (Lm200) in kontanti li taghha rrilaxxja rcevuta kif jidher mill-ircevuta esebita a fol 29 tal-process.

Dan il-pagament ukoll ma giex rikonoxxut u accettat mill-attur fid-deposizzjoni tieghu u ghalhekk huwa wkoll indikattiv ta’ inkorrettezzi serji fil-kotba ta’ l-attur u ghalhekk il-Qorti ssib illi hija iktar affidabli d-deposizzjoni ta’ Charles Gauci u taccetta ghalhekk illi r-rata applikabbli kellha tkun ta’ zewg liri Maltin u hamsin centezmu (Lm2.50) il-metru kwadru li ghalhekk iwasslu ghall-kont totali ta’ erba’ mija u ghaxar liri (Lm410) u konsegwenti bilanc favur l-attur ta’ mitejn u ghaxar liri Maltin (Lm210).

Dwar dan il-bilanc il-konvenut jikkontendi illi dan gie mhallas inkontanti lill-attur u bi prova ta’ dan ipprezenta notament tieghu stess ta’ l-20 ta’ Mejju, 2001, a fol. 30 tal-process.

Ghalkemm fuq dan in-notament ma tirrizulta ebda firma ta’ l-attur kif jirrizulta fuq il-kitba ghar-rigward tal-pagament precedenti, il-Qorti ssib illi tali kitba flimkien mad-deposizzjoni guramentata ta’ Charles Gauci, id-dokumenti pprezentati mill-konvenuti illi juru wisq iktar serjeta’ fil-konteggi mizmuma minnhu u minnhabba wkoll il-fatt illi l-attur accetta xoghol ulterjuri tat-tqeghid tal-madum kif jinghad hawn taht u billi mhux aspettat li l-attur jibqa’ jaccetta xoghol ta’ tqeghid tal-madum meta huwa baqa’ ma thallasx ta’ l-appalti precedenti miftiehema, issib illi l-provi prodotti mill-konvenuti huma sufficjenti biex jistabbilixxu illi anke ghal dan ix-xoghol ta’ tqeghid fil-fond ‘Sonia Flats’, Nru. 3, Birkirkara, l-attur huwa pjenament sodisfatt u mhallas mill-konvenuti.

Ghal dak li jirrigwarda t-tielet (3) bicca xoghol li taghha l-attur jippretendi li ghandu jithallas u cioe’ ghal dik il-bicca xoghol ta’ tqeghid tal-madum fil-fond tas-Swieqi, huwa accettat mill-konvenuti illi tax-xoghol li kien lahaq ghamel l-attur kieku dan kien maghmul skond l-arti u s-sengha kien intitolat li jithallas somma ta’ tlett mitt lira Maltin (Lm300).

Il-konvenuti jikkontendu biss illi s-somma ulterjuri ta’ hmistax-il lira Maltin (Lm15) li qed jitlob l-attur mhiex dovuta billi x-xoghol ta’ tqeghid prezumilment kellu jinkludi wkoll il-provvista tal-materjal biex isir l-istess xoghol.

Il-Qorti taccetta illi effettivament din hija l-prattika kostanti u allura tistabbilixxi illi tax-xoghol ta’ tqeghid tal-madum fil-fond tas-Swieqi l-attur huwa ntitolat li jithallas somma ta’ tlett mitt lira Maltin (Lm300).

Izda l-konvenuti f’dan ir-rigward jecceppixxu illi l-attur m’hu intitolat ghal xejn peress illi x-xoghol maghmul minnu ma giex maghmul skond l-arti u s-sengha u nfatti kellu jigi sostitwit b’xoghol iehor illi mporta spejjez ulterjuri u nfatti f’dan ir-rigward il-konvenuti pprezentaw kontrotalba fejn qed jitolbu illi l-attur jigi kkundannat ihallas lill-konvenuti in linea ta’ danni ta’ xoghol hazin f’dan il-fond tas-Swieqi s-somma ta’ sitt mija u wiehed u tmenin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm681.20) skond il-prospett dettaljat tas-27 ta’ Settembru, 2001, u liema ammont gie mhallas lil Vincent Schembri li jikkonferma illi thallas dan l-ammont biex ghamel tajjeb ghad-difetti illi rriskontra fix-xogholijiet esegwiti mill-attur.

Ghalkemm f’dawn il-proceduri ma giex nominat espert tekniku sabiex jirrelata dwar l-allegazzjonijiet tal-konvenut, mill-faxxikolu ta’ ritratti esebiti mill-konvenut u mid-deposizzjonijiet ta’ Vincent Schembri u ta’ l-istess Charles Gauci, l-Qorti ssib illi hemm elementi bizzejjed biex tista’ tistabbillixxi minghajr dubju illi fit-tqeghid tal-madum kif effettwat mill-attur jirrizulta dizlivell esagerat, muri senjatament fir-ritratt numru tnejn (2) fil-faxxikolu msemmi, u ghaldaqstant issib illi l-attur mhux intitolat illi jithallas ta’ dak ix-xoghol illi ma giex esegwit skond l-arti u s-sengha u kellu jigi ssostitwit minn xoghol maghmul minn Vincent Schembri.

Billi mid-deposizzjonijiet ta’ Vincent Schembri jirrizulta illi huwa ma ssostitwiex ix-xoghol intier illi ghamel l-attur, u billi jirrizulta illi tax-xoghol kollu fil-fond huwa thallas is-somma ta’ sitt mija, wiehed u tmenin lira Maltin u ghoxrin centezmi (Lm681.20), il-Qorti trid tistabbillixxi kemm hu l-valur tax-xoghol esegwit mill-attur illi dwaru Vincent Schembri ma hass il-htiega li jintervjeni u x’kienet il-parti mill-kont ta’ Vincent Schembri li tirreferi esklussivament

ghax-xoghol ta’ rimedjar dovut ghat-tqeghid hazin li ghamel l-attur.

Billi ma giex specifikat liema hu x-xoghol ta’ l-attur illi fih ma gewx riskontrati difetti, il-Qorti qieghda tistabbillixxi *arbitirio boni viri* illi dan ghandu jitqies illi kien nofs ix-xoghol ta’ tqeghid u li ghalhekk l-attur zgur huwa ntitolat ghal somma ta’ mija u hamsin lira Maltin (Lm150) ghax-xogholijiet illi ghamel f’dan il-fond f’Tas-Swieqi.

Minn dan l-ammont irid jitnaqqas dak l-ammont li l-konvenuti hallsu izjed milli kien ipprospettat minnhom sabiex ghamlu tajjeb ghad-difetti ta’ l-attur.

Minn ezami tal-prospett esebit a fol. 9 tal-process immarkat dokument ‘A’ jirrizulta illi huma biss l-ewwel tlett partiti illi b’mod car jimplikaw illi huma jirrigwardaw spejjes biex inqala’ l-madum difettuz, biex tnehha minn fuq il-post u inxtara madum sostituttiv.

Ghaldaqstant issib illi d-danni li soffrew il-konvenuti minhabba x-xoghol hazin ta’ l-attur jammontaw ghall-ammont komplessiv ta’ erba’ mija, wiehed u tletin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm431.20).

Ghaldaqstant qeghda tilqa’ l-kontrotalba tal-konvenuti billi filwaqt li tiddikjara illi x-xoghol maghmul mill-attur fir-rigward tal-fond tas-Swieqi ma kienx maghmul skond l-arti u s-sengha, qeghda tillikwida d-danni minnu kkawzati fis-somma ta’ (Lm431.20) u tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut dan l-ammont.

Izda billi ghar-rigward ta’parti minn dan ix-xoghol l-attur ghandu jigi kkompensat fis-somma ta’ mija u hamsin lira Maltin (Lm150), ghandha topera kompensazzjoni bejn l-ammonti dovuti mill-partijiet lil xulxin.

Il-Qorti ghalhekk qieghda tiddeciedi t-talba tal-attur u l-kontrotalba tal-konvenuti billi tilqa’ it-talba attrici limitatament billi tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri ta’ l-attur fis-somma ta’ mija u hamsin lira Maltin (Lm150), filwaqt li tilqa’ il-kontrotalba tal-konvenuti Calbros billi

tiddikjara illi x-xogholijiet maghmula mill-attur fil-fond tas-Swieqi ma sarux skond l-arti u s-sengha u filwaqt li tiddikjara li l-attur huwa responsabbli ghad-danni minnu kkawzati, qieghda tillikwida l-istess danni fis-somma ta' erba' mija u wiehed u tletin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm431.20) u konsegwentement, filwaqt li tiddikjara illi l-konvenut Charles Gauci f'ismu proprju ma kellux relazzjonijiet guridici ma' l-attur, qieghda tiddeciedi dawn il-proceduri billi, b'operazjoni ta' kompensazzjoni bejn l-ammonti dovuti reciprokament mill-partijiet, tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuti Calbros Limited is-somma ta' mitejn, wiehed u tmenin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm281.20) bl-imghaxijiet legali b'effett mid-29 ta' Jannar, 2002.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur hlief dawk ta' Charles Gauci li ghandhom jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------